MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' April, 2006

Numru 5758/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Luoise Calleja)**

**v.**

**Anthony Bugeja u**
**Piero di Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali tal-10 ta' April 2006 maghmul skond l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tirrevoka l-kundizzjoni imposta mill-Qorti Istruttorja f'dawn il-proceduri (bid-digriet taghha tas-7 ta' April 2006) fuq l-imputat di Bartolo ta' garanzija personali fis-somma ta' Lm40,000 minflok il-garanzija precedentement imposta minn dik l-istess Qorti (u konfermata bid-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Frar 2006) li kienet ta' garanzija personali

fis-somma ta’ ghoxrin elf lira u depozitu fis-somma ta’ ghoxrin elf lira ohra;

Rat l-attijiet relevanti tal-istruttorja, inkluz id-digriet, mhux motivat, tal-Qorti Istruttorja tas-7 ta’ April 2006 a fol. 474, id-dokumenti annessi mar-rikors ta’ l-intimat di Bartolo tat-22 ta’ Marzu 2006, kif ukoll id-deposizzjoni ta’ Sandra Abdilla a fol. 459 *et seq.*;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti diga` kellha l-okkazzjoni f’diversi pronunzjamenti taghha li tosserva li l-garanzija personali, imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 577 tal-Kodici Kriminali, spiss qed tigi applikata hazin – ara a propozitu d-digrieti tal-din il-Qorti fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Frans Micallef) v. Aron Gatt*** (25/11/05), ***Il-Pulizija (Spetturi J. Cilia u J. Mifsud) v. Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla*** (10/3/06) u ***The Police (Inspectors P. Vassallo and C. Bartolo) v. Ezechukwu Prince Okeke*** (7/4/06). Tali garanzija personali ghandha tigi applikata biss f’kazijiet eccezzjonali, u biss wara li jkun zgurat bi provi cari – mhux semplici allegazzjonijiet – li l-garanzija fil-forma ta’ plegg tajjeb (Art. 577(1), Kap. 9) jew fil-forma tad-depozitu tas-somma jew ta’ rahan ekwivalenti (l-ewwel parti tal-Art. 577(2)) ma jkunux fattibbli fil-kaz konkret; inoltre, meta qorti tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-*bail* u l-modalitajiet taghha, ghandu, bhala regola, ikun hemm xi forma ta’ spjegazzjoni, anke jekk fil-qosor hafna, u dan specjalment meta t-talba ghall-helsien mill-arrest tkun qed tigi michuda jew il-kundizzjonijiet varjati;

Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna kif proposta, ma hix sodisfatta li l-intimat di Bartolo ma jistax igib plegg tajjeb li jintrabat fis-somma stabbilita bhala garanzija, u cioe` dik ta’ Lm20,000 lira. Ghalhekk din il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors ta’ l-Avukat Generali billi thassar u tirrevoka

d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-7 ta' April 2006 li permezz tieghu dik il-Qorti biddlet id-depozitu originarjament ordnat fid-digriet taghha tas-7 ta' Frar 2006 f'garanzija personali ta' Lm40,000 (u allura minghajr ebda depozitu), u minflok tordna li l-garanzija ghandha tkun kif originarjament provvdut fid-digriet imsemmi tas-7 ta' Frar 2006, u cioe` depozitu ta' Lm20,000 u garanzija personali ta' Lm20,000, b'dan pero` li flok ma tigi depozitata s-somma ta' Lm20,000 l-intimat di Bartolo jista', jekk irid, igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub fis-somma ta' Lm20,000 – f'kaz li jingieb tali plegg, din il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' mhux anqas minn erbgha w ghoxrin siegha (Artikolu 582(2)), u l-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma l-plegg jigi approvat bhala idoneu minn din il-Qorti jew mill-Qorti li quddiemha jkun jinsab il-process.

Sakemm l-intimat Piero di Bartolo jottempera ruhhu ma kif hawn fuq provvdut, huwa ghandu jinzamm detenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------